DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Frar 2014

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent ta' ċerti reġjuni fl-Italja u Spanja bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) u li temenda l-Annessi I, II u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-Ungerija bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloża, ir-Rumanija u ċerti reġjuni fl-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża, u ċerti reġjuni fl-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mil-lewkoża enzootika bovina

(notifikata bid-dokument C(2014) 741)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/91/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Anness A(I)(4), l-Anness A(II)(7) u l-Anness D(I)(E) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż [2], u b'mod partikolari t-Taqsima II tal-Kapitolu 1 tal-Anness A tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/68/KEE tiddefinixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tan-nagħaġ u l-mogħoż fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jew reġjuni tagħhom jistgħu jitqiesu bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża.

(2) Id- Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE [3] telenka, fl-Anness II tagħha, ir-reġjuni tal-Istati Membri li huma meqjusa bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (*B. melitensis*) skont id- Direttiva 91/68/KEE.

(3) L-Italja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE biex b'hekk titqies bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) fir-rigward tar-reġjun tal-Liguria u r-reġjun tal-Lazio.

(4) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni provduta mill-Italja, ir-reġjuni tal-Liguria u l-Lazio għandhom jiġu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-Bruċelloża (*B. melitensis*).

(5) Spanja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE biex b'hekk titqies bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) fir-rigward tal-Komunità Awtonoma ta' Navarra.

(6) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa minn Spanja, il-Komunità Awtonoma ta' Navarra għandha titqies bħala ħielsa uffiċjalment mill-Bruċelloża (*B. melitensis*).

(7) L-entrati rispettivi għall-Italja u Spanja fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE għandhom, għalhekk, jiġu emendati skont dan.

(8) Id-Direttiva 64/432/KEE tapplika għall-kummerċ tal-annimali bovini u suwini fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom Stat Membru jew reġjun ta' Stat Membru jista' jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mit-tuberkoloži, uffiċjalment ħieles mill-bruċelloži u uffiċjalment ħieles mill-lewkoži enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovini.

(9) L-Annessi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE [4] jelenkaw l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom li huma ddikjarati, rispettivament ħielsa uffiċjalment mit-tuberkuloži, ħielsa uffiċjalment mill-bruċelloži u ħielsa uffiċjalment mil-lewkoži enzootika bovina.

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.
[2] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.
[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Memebri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċellosi (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda (ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14).
[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi, bruċellosi u lewkosi bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri rigward annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

(10) L-Ungerija ressqet dokumentazzjoni lill-Kummissjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet għall-istatus ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži stipulati fid-Direttiva 64/432/KEE għat-territorju sħiħ tagħha.

(11) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mill-Ungerija, dan l-Istat Membru għandu jitħabbar bħala uffiċjalment ħieles mit-tuberkuloži.

(12) Ir-Rumanija ressqet dokumentazzjoni lill-Kummissjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet għall-istatus ta' uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži stipulati fid-Direttiva 64/432/KEE għat-territorju sħiħ tagħha.

(13) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mir-Rumanija, dan l-Istat Membru għandu jitħabbar bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloži.

(14) L-Italja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex ir-reġjun tal-Liguria jingħata l-kwalifika bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloži.

(15) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mill-Italja, ir-reġjun tal-Ligurja għandu jiġi ddikjarat bħala reġjun uffiċjalment ħieles mill-bruċelloži.

(16) L-Italja ressqet dokumentazzjoni lill-Kummissjoni b'xhieda tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 64/432/KEE għall-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mil-lewkoži enzootika bovina fir-rigward tal-provinċja ta' Avellino fir-reġjun tal-Kampanja, il-provinċja ta' Latina fir-reġjun tal-Lazjo, u r-reġjun tal-Ligurja.

(17) Wara l-valutazzjoni tad-dokumentazzjoni li tressqet mill-Italja, il-provinċja ta' Avellino fir-reġjun tal-Campania, il-provinċja ta' Latina fir-reġjun tal-Lazio, u r-reġjun tal-Liguria għandhom jiġu ddikjarati bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mil-lewkoži enzootika bovina.

(18) L-Annessi I, II u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(19) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Annessi I, II, u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE hu emendat kif ġej:

(1) l-entrata għall-Italja tinbidel b'dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Emilja-Romanja,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezja Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazjo,

— Ir-Reġjun tal-Liguria,

— Ir-Reġjun tal-Lombardija,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Moliże,

— Ir-Reġjun tal-Pjemonte,

— Ir-Reġjun ta' Sardenja,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbrija,

— Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."

(2) l-entrata għal Spanja tinbidel b'dan li ġej:

"Fi Spanja:

— Il-Komunità Awtonoma tal-Asturji,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji: Il-Provinċji ta' Santa Cruz de Tenerife, Las Palmas,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Kantabrija,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Galizja,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Navarra,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask."

ANNESS II

L-Annessi I, II u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, il-Kapitolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"**KAPITOLU 1**

Stati Membri uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
FR	Franza
LV	Il-Latvja
LU	Il-Lussemburgu
HU	L-Ungerija
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Isvezja"

(2) Fl-Anness II, Kapitolu 1 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"**KAPITOLU 1**

L-Istati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda

Kodiċi ISO	Stat Membru
FR	Franza
LV	Il-Latvja
LU	Il-Lussemburgu
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Isvezja”

(3) fl-Anness II, il-Kapitolu 2, l-entrata għall-Italja tinbidel b’dan li ġej:

“Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta’ Pescara,

— Il-Provinċja ta’ Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Emilja-Romanja,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezja Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazjo: Il-Provinċja ta’ Frosinone, Latina, Rieti, Viterbo,

— Ir-Reġjun tal-Liguria,

— Ir-Reġjun tal-Lombardija,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Moliże, Il-Provinċja ta’ Campobasso,

— Ir-Reġjun tal-Pjemonte,

— Ir-Regjun tal-Pulja: Il-Provinċja ta’ Brindisi,

— Ir-Reġjun ta’ Sardinja,

— Ir-Reġjun tat-Toscana,

— Il-Provinċja ta’ Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbrija,

— Ir-Reġjun tal-Valle d’Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto.”

(4) fl-Anness III, il-Kapitolu 2, l-entrata għall-Italja tinbidel b'dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Kampanja: Il-Provinċji ta' Avellino, Benevento, Napli,

— Ir-Reġjun tal-Emilja-Romanja,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezja Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazjo: Il-Provinċja ta' Frosinone, Latina, Rieti, Viterbo,

— Ir-Reġjun tal-Ligurja,

— Ir-Reġjun tal-Lombardija,

— Ir-Reġjun tal-Marche,

— Ir-Reġjun tal-Moliże,

— Ir-Reġjun tal-Pjemonte,

— Ir-Regjun tal-Pulja: Il-Provinċja ta' Brindisi,

— Ir-Reġjun ta' Sardenja,

— Ir-Reġjun ta' Sqallija: Il-Provinċji ta' Agrigento, Caltanissetta, Catania, Enna, Palermo, Ragusa, Sirakuża, Trapani,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbrija,

— Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto."